# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Gunju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 55/2018 TA**

**Simon Diacono (ID:658357M), Frieda Diacono (ID:503057M), u Geot Trading Limited (C15785)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Simon Diacono u oħrajn (ir-rikorrenti) tas-16 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> **1.** "Illi l-kumpanija Geot Trading Limited hija kumpanija rreġistrata Malta iżda fin-negozju tagħha kellha ukoll kuntatti fil-Libja u kienet teżerċita n-negozju anke fil-Libja;
>
> **2.** Illi l-esponent Simon Diacono huwa direttur u azzjonist magoritarju fis-soċjeta' Geot Trading Limited, filwaqt illi l-esponenti Frieda Diacono hija mart l-istess Simon Diacono,
>
> **3.** Illi l-Gvern Libjan diversi drabi ordna xogħol u xtara materjal mingħand is-soċjeta' esponenti;

**4.** Illi f'okkażjoni minnhom il-Gvern Libjan u preċiżament il-muniċipalita' ta' Tripli kellhom bżonn ristrutturar fuq skala kbira għal dak li kellu x'jaqsam ma' vetturi tal-armata u servizz ta' tifi tan-nar;

**5.** Illi s-soċjeta' esponenti kienet daħlet f'joint venture ma' Mediterranean Aviation Company Limited [fil-qasir: Medavia] (liema joint venture issejħet GEOMED) biex tagħmel tiswijiet u refurbishment ta' numru ta' vetturi tat-tifi tan-nar a benefiċċju tal-Municipalita' ta' Tripoli u tal-Libyan Civil Defence, kif ukoll biex tagħti taħriġ lit-tekniċi u operaturi tal-istess vetturi;

**6.** Illi l-kuntratt relattiv ġie ffirmat fil-11 ta' Awissu 2003 u kopja tiegħu tinsab hawn annessa bħala Dokument 'A', flimkien ma' traduzzjoni ghal lingwa Ingliza hawn annessa bħala Dokument 'A1';

**7.** Illi dawn is-servizzi bdew jingħataw fis-sena 2006 u t-taħriġ dam madwar sentejn;

**8.** Illi fl-2008 s-soċjeta' esponenti flimkien mas-sieħba tagħha fil-joint venture Medavia kien għad fadlilhom jitħallsu bilanċ ta' 607,008.14 Dinar Libjan ta' dan ix-xogħol u forniment ta' materjal u servizz, u dan skond l-istatement of account hawn anness u mmarkati Dokument 'B';

**9.** Illi meta raw li ż-żmien tal-pagament għadda inutilment is-soċjeta esponenti kif ukoll l-esponent Simon Diacono bdew jinsistu għall-ħlas;

**10.** Illi meta l-esponenti ppruvaw jitolbu l-ħlas ta' dan il-bilanċ huma sfaw vittma ta' rikatti u rikjesti ta' tixħim mingħand uffiċjali fil-Libja u persuni qrib l-awtoritajiet Libjani, inkluż theddid li n-negozju tal-esponenti u n-negozju tal-familjari tal-esponent Simon Diacono fil-Libja kienu ser jiġu magħluqa;

**11**. Illi sadanittant is-sitwazzjoni politika fil-Libja kienet iddeterjorat u kien biss wara r-rivoluzzjoni illi l-esponenti setgħu jerġgħu jibdew jibnu l-kuntatti biex jaraw kif ser jiġbru l-ħlas dovut lis-soċjeta' rikorrenti taħt il-kuntratt:

**12.** Illi eventwalment fid-29 ta' April 2014 il-Municipalita' ta' Tripoli irrilaxxat id-dokument hawn anness u mmarkat Dokument 'C' li bih irrikonxxiet u aċċettat li kienet dovuta s-somma ta' 591,421.000 Dinar Libjan (ekwivalenti għal €455,000) taħt il-kuntratt imsemmi;

**13.** Illi traduzzjoni tad-Dokument 'C' għal-lingwa Ingliza qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dokument 'D';

**14.** Illi minkejja illi l-Gvern Libjan irrikonoxxa li dan il-ħlas kien dovut minnu, l-esponenti bħala parteċipi fil-joint venture fuq imsemmija baqgħu ma tħallsux;

**15**. Illi, agħar minn hekk l-esponenti reġgħu sfaw vittma ta' theddid għaliex kull meta talbu l-ħlas tas-somma msemmija, kull darba uffiċjali Libjani jitolbu somom eżorbitanti bħala kummissjoni biex il-pagament jiġi rilaxxat, u f'ċerta okkażjonijiet saħansitra ntalbet mingħand l-esponenti nofs is-somma dovuta;

**16.** Illi f'okkażjoni oħra l-Gvern Libjan (speċifikatament il-Forzi Armati tal-Libja) kien ordna mingħand l-esponenti numru ta' tined kbar li kellhom jinħadmu fuq qisien speċifiċi mogħtija minn Khamis Qadhafi u fid-19 ta' Ottubru 2007 ġie ffirmat kuntratt bejn is-soċjeta' esponenti u l-Forzi Armati tal-Libja għall-akkwist ta' dawn it-tined mill-Gvern Libjan speċifikament għall-użu tal-armata magħrufa bħala The

32nd Battallion of Buslim immexxija minn Khamis Qadhafi (kuntratt numru 347/10/2007-1 esponenti ingħataw kopja bil-lingwa Ingliza ta' dan il-kuntratt, liema kopja ingħatat lilhom mill-awtoritajiet Libjani stess, u fotokopja tagħha qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dokument 'E');

**17.** Illi s-soċjeta' esponenti biex tonora dan il-kuntratt għamlet ordni mal-manifattur Al Baddad International Group go Dubai skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn it-tined u ħallset għoxrin fil-mija (20%) tal-prezz mal-ordni;

**18.** Illi biex għamlet dan il-pagament (u ċioe' d-depożitu ta' 20%) is-soċjeta'' esponenti ħadet finanzjament bankarju mingħand Fimbank p.l.c., l-ewwel ai termini ta' facility letter datata 8 ta' Novembru 2007 li sussegwentement ġiet rimpjazzata b'oħra tal-15 ta' Jannar 2008 (ara Dokument 'F' hawn anness), u dan peress illi l-letter of credit li taħtha kellu jsir in-negozju kienet ġiet aċċettata minn Fimbank p.l.c.;

**19.** Illi dan il-finanzjament bankarju ġie garantit ukoll permezz ta' garanzija personali da parti tal-esponenti konjuġi Diacono għall-ammont ta' €470,000;

**20**. Illi dawn it-tined ġew maħduma u sal-10 ta' Novembru 2007 kienu lesti biex minn Dubai jintbagħtu l-Libja, u dan wara li s-soċjeta' esponenti kienet diġa' ħallset l-istess tined pjenament;

**21.** Illi l-pagamenti li kienet għamlet is-socjeta' esponenti kienu garantiti permezz ta' letter of credit maħruġa minn Amman Bank a favur ta' Bank of Valletta p.l.c. (li sussegwentement ċediha lil Fimbank Limited) sabiex jiġi garantit il-ħlas tal-prezz tal-istess tined u fil-fatt din il-letter of credit kienet għall-ammont ta' €673,595 (ara Dokument 'G' hawn anness datat 30 ta' Ottubru 2007 li jinkludi ukoll emendi sussegwenti maħruġa fil-5 ta' Novembru 2007 u fid-9 ta' Novembru 2007 għall-istess letter of credit) liema somma kienet tkopri l-prezz tat-tined infushom kif ukoll il-prezz tas-servizz sabiex jiġu armati l-istess tined kif ukoll il-ġarr tagħhom u spejjeż oħra li s-soċjeta' esponenti kienet diġa' inkorriet in konnessjoni ma' dan il-kuntratt;

**22**. Illi wara li t-tined in kwistjoni kienu lesti għad-delivery skond kif miftiehem, l-awtoritajiet Libjani taw struzzjonijiet biex jibdlu l-modalita' tal-ġarr u ċioe' military air freight minflok sea freight u l-letter of credit ġiet emendata biex tirrifletti dan il-kambjament;

**23**. Illi dan ġab miegħu spejjeż ulterjuri għas-soċjeta' esponenti l-aktar minħabba handling costs addizzjonali li ġew inkorsi biex minflok bil-bahar it-tined jintbagħtu bl-ajru, u inoltre minħabba d-dewmien is-soċjeta' esponenti kienet qed tinkorri wkoll spejjeż ulterjuri biex il-merkanzija tinżamm magazzinata;

**24.** Illi barra minn hekk minn ġurnata għall-oħra l-esponenti Geot Trading Limited u Simon Diacono kienu jirċievu telefonati mingħand uffiċjali tal-Forzi Armati tal-Libja immexxija minn Khamis Qadhafi fejn kienu jagħtu lill-esponenti Simon Diacono dettalji ta' titjira tal-ajru li suppost kellha tidħol f'Dubai biex fuqha jiġu mgħobbija t-tined. Kull darba l-esponenti kienu joħorġu l-merkanzija, ilestuha għat-tagħbija u l-ajruplan militari jibqa' ma jitfaċċax. Din ġrat kemm-il darba u kull darba Geot Trading Limited kienet teħel eluf ta' Euro f'charges biex toħroġ u terġa' ddaħħal il-materjal;

**25.** Illi minkejja dan kollu l-awtoritajiet Libjani baqgħu ma bagħtux ajruplan biex jiġbor it-tined minn Dubai u wara li għaddew diversi ġranet l-awtoritajiet Libjani infurmaw lis-soċjeta' esponenti nhar it-22 ta' Novembru 2007 li wara kollox it-tined kienu ser jintbagħtu bil-baħar;

**26**. Illi per konsegwenza Fimbank p.l.c. talab biex il-letter of credit terġa' tiġi emendata u l-esponenti Simon Diacono u Geot Trading Limited bdew jippakkjaw il-merkanzija mill-ġdid biex tintbagħat il-port;

**27.** Illi l-għada filgħodu stess, jiġifieri fit-23 ta' Novembru 2007, l-awtoritajiet Libjani reġgħu biddlu l-istruzzjonijiet biex it-tined jiġu mibgħuta bl-ajru u s-soċjeta' esponenti minnufih infurmat lil Fimbank p.l.c. li kienet qed tikkanċella l-istruzzjonijiet għall-emendi fil-letter of credit u l-merkanzija reġgħet ġiet trasportata lejn l-ajruport ta' Dubai, naturalment b'aktar spejjeż u b'ħafna inkwiet u ansjeta' għall-esponenti;

**28.** Illi dan il-bdil ta' struzzjonijiet diversi drabi sewa lill-esponenti diversi spejjeż kull darba li l-merkanzija kellha tinġarr bejn il-port u l-ajruport, minbarra spejjeż oħra biex il-merkanzija nżammet tul ta' żmien Dubai;

**29.** Illi l-awtoritajiet Libjani baqgħu ma bagħtux ajruplan biex jiġbor il-merkanzija u minkejja li qalu lill-esponenti Simon Diacono biex imur il Bank nhar il-25 ta' Novembru 2007 għaliex kellha tiġi estiża l-letter of credit, l-istess letter of credit baqgħet ma ġietx estiża;

**30**. Illi fis-26 ta' Novembru 2007 l-awtoritajiet tal-Libja infurmaw lill-esponenti Simon Diacono li l-letter of credit kienet skadiet u li t-tined ma rieduhomx aktar;

**31**. Illi wara dawn l-avvenimenti s-soċjeta' esponenti baqgħet tippersisti biex l-awtoritajiet Libjani jaċċettaw il-konsenja tat-tined li kienu ordnaw, stante li dawn kienu tined magħmula fuq rikjesta speċifika u s-soċjeta' esponenti ma setgħet tbiegħhom lil ħadd iktar;

**32.** Illi biex taħżen dawn it-tined is-soċjeta'' esponenti inkorriet fi spejjeż ulterjuri għaliex ġarrithom bil-baħar sal-freeport ta' Misurata;

**33**. Illi intant l-esponenti Geot Trading Limited u Simon Diacono bdew jirċievu rikjesti biex it-tined jinbiegħu lill-awtoritajiet Libjani bi prezzijiet ridikolament baxxi u biex id-differenza fil-prezz titħallas bħala commission lil uffiċjali fil-Libja;

**34.** Illi l-esponent Simon Diacono safa' vittma ta' theddid gravi u serju da parti tal-awtoritajiet Libjani fejn spiċċa arrestat f'daru stess ġewwa l-Libja għal seba' xhur sħaħ matul liema żmien huwa kien taħt pressjoni kontinwa biex jiffirma d-dokumenti sabiex il-propjeta' tat-tined tgħaddi fuq il-Forzi Armati tal-Libja mingħajr ma jsir il-ħlas dovut;

**35.** Illi minkejja li l-esponent Simon Diacono kien mhedded b'ħajtu stess huwa ma ċediex għal din il-pressjoni;

**36.** Illi l-Libjani irreaġixxew billi ħatfu l-istess tined bil-forza bi trakkijiet tal-militar mill-Freeport ta' Misurata u qalu lill-esponenti li t-tined kienu ser jiġu subbastati;

**37.** Illi imbagħad l-esponenti ġew rikattati u Simon Diacono personalment kien kostrett iħallas ħamsa u erbgħin elf (45,000) Dinar Libjan biex jieħdu lura t-tined, għaliex li kieku ma għamlux dan il-ħlas it-tined kienu ser jinbiegħu b'subbasta,

ovvjament bi prezz ridikolu a vantaġġ tal awtoritajiet Libjani jew ta' Khamis Qadhafi;

**38.** Illi l-esponenti ma kellhomx triq oħra ħlief li jħallsu din is-somma biex tal-anqas ikollhom it-tined lura fil-pussess tagħhom;

**39.** Illi effettivament it-tined ġew mibgħuta Malta bil-baħar u għadhom sa llum għand l-esponenti biex kif jitħallas il-prezz tagħhom jiġu kkonsenjati lill-kumpratur;

**40.** Illi l-esponent Simon Diacono fl-aħħar tħalla jiġi lura Malta mil-Libja f'Diċembru tas-sena 2008 iżda xorta waħda baqa' beżgħan mit-theddid tal-Libjani;

**41.** Illi sadanittant is-self li kienet ħadet is-soċjeta' esponenti mingħand Fimbank (u li kien garantit mill-esponenti l-oħra konjuġi Diacono) ma setax jitħallas peress illi s-socjeta' esponenti baqgħet ma tħallsitx tat-tined u għalhekk ma kienitx irċeviet fondi biex minnhom tkun tista' tħallas lill-Bank:

**42**. Illi Fimbank fetaħ kawża lill-esponenti fejn b'sentenza tal-Prim' Awla tal Qorti Civili tat-18 ta' Frar 2009 (ara Dokument 'H' hawn anness) is-soċjeta' esponenti ġiet dikjarata debitriċi ta' Fimbank p.l.c. fl-ammont ta' €471,818 bħala kapital lilha misluf, oltre l-ammont ta' €29,837.61 bħala imgħaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati mid-9 ta' Novembru 2007 filwaqt illi, a tenur tal-garanzija personali tagħhom, l-esponenti konjuġi Diacono in solidum bejniethom u mas-soċjeta' intimata ġew ikkundannati jħallsu s-somma ta' (€470,000);

**43.** Illi wara din is-sentenza kienu saru xi laqgħat ma' Fimbank; l-esponenti ma kellhomx il-meżżi biex iħallsu dan id-dejn u billi l-istess dejn kien konness mal-imsemmija tined, il-Bank ried li jkollu aċċess għall-istess tined u b'hekk ingħata ċavetta għalihom biex l-aċċess ikun jista' jiġi eżerċitat bejn il-Bank u l-esponenti flimkien;

**44.** Illi anke wara li l-esponent Simon Dicano ġie lura Malta, huwa minn żmien għal żmien baqa' jirċievi rikjesti minn Fimbank biex persuni mil-Libja jmorru jispezzjonaw it-tined bil-pretiża li jridu jixtruhom, u kull darba l-Bank jirrifjuta li jinforma lill-esponenti dwar l-identita' tal-persuna li trid tmur tara l-merkanzija anzi speċifikament l-esponenti jiġu mitluba biex ma jattendux waqt li l-merkanzija tiġi spezzjonata u dan meta l- merkanzija tinsab maħżuna ġol-propjeta' ta' Medserv p.l.c. li hija kumpanija ta' hu Simon Diacono;

**45.** Illi din is-sitwazzjoni prekarja li jinsabu fiha l-esponenti ġabitilhom rovina finanzjarja u n-negozju tagħhom safa' fix-xejn, u dan kollu minħabba t-trattament diżonest li ffaċċaw ruħu miegħu;

**46.** Illi l-esponenti f'diversi okkazjonijiet talbu lill-Istat Malti biex jinterċedi għalihom u jassistihom fir-ripagament tal-krediti dovuti lilhom, u dan kemm billi avviċinaw lill-ambaxxata ta' Malta fil-Libja kif ukoll permezz ta' talba lill-Avukat Generali;

**47.** Illi minkejja li l-esponenti talbu lil diversi Ministri, Prim Ministri u Presidenti tar-Repubblika biex l-Istat Malti jittratta l-każ tagħhom mal-Libja, u minkejja li saru laqgħat u ġew skambjati ittri, inkluż l-ittri uffiċjali hawn annessi bħala Dokument 'I', 'J' u 'K', l-Istat Malti baqa' ma għamel xejn biex jassisti lill-esponenti;

**48.** Illi attwalment jeżistu freezing orders maħruġa mis-Security Council tan-Nazzjonijiet Uniti li bihom assi tal-Istat tal-Libja f'Malta jew assi ta' persuni notorji fit-tmexxija tal-Libja huma sekwestrati;

**49**. Illi l-esponenti għandhom kull interess li jesegwixxu l-pretensjoni tagħhom fuq dawk l-assi kemm għaliex is-soċjeta' esponenti hija kreditriċi tal-Gvern Libjan u l-esponenti l-oħra kienu taw garanzija personali in konnessjoni propju ma' dak il-kreditu, kif ukoll għaliex l-esponent Simon Diacono personalment sofra trattament inuman u degradanti filwaqt illi personalment u għan-nom ta' Geot Trading Limited sofra theddid serju u kostanti mill-awtoritajiet Libjani in konnessjoni ma' dan il-kreditu;

**50.** Illi kif jirriżulta mill-imsemmija ittri uffiċjali l-esponenti talbu l-protezzjoni tal-Istat Malti kemm b'meżżi diplomatiċi kif ukoll billi talbu lill-Istat Malti iressaq il-każ tagħhom kontra l-Libja quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Gustizzja:

**51.** Illi l-intimati minkejja dawn l-interpellazzjonijiet baqgħu inadempjenti;

**52.** Illi bil-fatt li qiegħed jonqos li jassisti lill-esponenti biex jirkupraw il-krediti tagħhom fuq imsemmija, u li huma dovuti lilhom mill-awtoritajiet tal-Libja, l-Istat Malti qiegħed jonqos mid-dover u d-dmir tiegħu li jittutela d-drittijiet ta' propjeta' tal-esponenti, għaliex l-Istat m'għandux biss obbligu negattiv li ma jinterfjerix huwa stess mal-propjeta' tal-privat iżda għandu ukoll l-obbligu pożittiv li jinterċedi u jaġixxi biex ma' jippermettix li l-propjeta' tal-esponenti tinġab fix-xejn (u hawnhekk jiġi rilevat illi l-krediti li l-esponenti għandhom mal-Libja jammontaw għal possediment u għalhekk huma pjenament tutelabbli anke taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea);

**53.** Illi dan minbarra illi dan in-nuqqas da parti tal-Istat Malti huwa ukoll diskriminatorju fil-konfront tal-esponenti għaliex ma hemm ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-Istat Malti kellu jittratta l-każ tal-esponenti b'mod divers minn dak ta' terzi li setgħu kellhom pretensjonijiet kontra Stat barrani;

**54.** Illi f'sitwazzjoni fejn l-esponenti għandhom kreditu inkontestat kontra Stat barrani u sfaw vittma ta' theddid u pressjoni illeċita biex jiġu mċaħħda minn dak li hu tagħhom bi dritt, l-Istat Malti kien l-uniku tarka li seta' kellhom l-esponenti biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom, iżda minflok ma ipprova jgħin lill-esponenti l-Istat injora kompletament il-karba tal-esponenti u ma ħax ħsieb l-interessi tagħhom;

**55.** Illi minħabba din is-sitwazzjoni l-esponenti daħlu fi kriżi finanzjarja li ma setgħux jirkupraw minnha stante illi t-telf li ġarrbu kaġun tal-aġir in mala fede tal-awtoritajiet Libjani kien kbir wisq, u dan kellu konsegwenzi gravi mhux biss finanzjarji iżda anke minħabba t-tensjoni u ansjeta' kbira li għaddew u għadhom għaddejjin minnha l-esponenti konjuġi Diacono;

**56.** Illi l-esponenti jemmnu li din il-vjolazzjoni ma tistax tiġi spurgata ħlief billi din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet neċessarji biex l-Istat jieħu azzjoni effettiva biex jipproteġi l-interessi tal-esponenti u jassisti lill-esponenti biex jottjenu rimedju effettiv;

**57**. Illi għalhekk l-esponenti qiegħdin imexxu b'din il-kawża;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, u prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, r-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni oħra opportuna,

**1.** Tiddikjara li l-Istat Malti, kif rappreżentat mill-Avukat Generali, naqas u għadu qiegħed jonqos li jagħti protezzjoni lir-rikorrenti u jiddefendi l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-Gvern jew Stat Libjan u jittratta l-każ tagħhom mal-awtoritajiet Libjani kif fuq premess;

**2.** Tiddikjara li n-nuqqas hekk riskontrat jammonta għal lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif garantiti permezz tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, meħud kemm waħdu kif ukoll abbinat flimkien mal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni;

**3.** Tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex jieħu dawk il-passi u azzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha neċessarji għat-tutela tad-drittijiet tal-esponenti inkluż dawk il-passi neċessarji biex l-Istat Malti jieħu azzjoni effettiva biex jipproteġi l-interessi tal-esponenti u jassisti lill-esponenti biex jottjenu rimedju effettiv;

**4.** Tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u tagħti kull rimedju neċessarju sabiex tispurga l-imsemmija vjolazzjonijiet;

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u b'riżerva ta' kwalsijasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti inkluż azzjoni għad-danni naxxenti mill-fatt kif dikjarati".

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali (l-intimat) tas-26 ta' Gunju 2018 li permezz tiegħu wieġeb is-segwenti:

**(I)"** Illi fl-ewwel lok, fiċ-ċirkostanzi odjerni, l-esponent jirribatti li n-negozju li fuqu r-rikorrenti qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu ma kien jinvolvi bl-ebda mod il-Gvern ta' Malta stante li jidher li kien negozju privat li dwaru r-rikorrent għandu jerfgħa kull responsabbilita għall-kalkolu tar-riskju tal-istess negozju;

**(II)** Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li l-Gvern ta' Malta bl-ebda mod ma naqas lir-rikorrent kif qed jiġi allegat u konsegwentement ir-rikorrent għandu se mai jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu li huma ta' natura civili quddiem il-Qrati u l-Gurisdizzjoni kompetenti;

**(III)** Illi fit-tielet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll, fi kwalunkwe każ, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-ebda danni m'huma dovuti u t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur għandhom jiġu miċħuda;

**(V)** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrapreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; bl-ispejjeż kontra tieghu".

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tagħhom.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għas-Sentenza:

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

Il-kumpanija Geot Trading limited, li fiha r-rikorrent Simon Diacono, żewġ l-intimata, huwa direttur u azzjonist maġġoritarju, għandha xi kuntatti l-Libja u saħansitra teżerċita negozju f'dan il-pajjiż. Fost in-negozji li għamlet kien hemm wieħed li jikkonċerna vetturi tal-armata u servizz tat-tifi tan-nar.

Għal dan l-skop is-Soċjeta' rikorrenti daħlet f'joint venture mal-Mediterranean Aviation Company Ltd (Medavia). Din il-joint venture hija magħrufa bl-isem ta' Geomed. Il-ftehim ġie iffirmat fil-11 ta' Awwissu 2003 u jagħmlu referenza għall-kuntratt Dokument A anness mar-rikors promotur li huwa bl-arbi u li traduzzjoni tiegħu tinsab a' fol 13. Minn din it-traduzzjoni dehret Medavia biss bħala firmatarja u ovvjament l-Awtoritajiet Libjani.

Sal-2008, ir-rikorrenti jgħidu li kien għad fadallhom 607,008.14 il-dinar x'jitħallsu. Dan l-ammont dovut lill-joint venture imsemmija. Wara li għadda ż-żmien bdiet issir insistenza biex isir il-ħlas. Skont ir-rikorrenti, minħabba f'hekk spiċċaw vittmi ta' rikatti u rikjesti ta' tixħim. Kien biss wara r-rivoluzzjoni tal-2011 li l-Muniċipalita' ta' Tripoli rrikonoxxiet dan il-ħlas. Dan kien fid-29 ta' April 2014.

B'dana kollu dan il-ħlas mhux biss baqa' ma sarx, iżda, dejjem kif jgħidu r-rikorrenti, reġgħu sfaw vittma ta' theddid sal-punt li din id-darba kien qiegħed jintalab nofs il-ħlas dovut. Dan kien l-ewwel proġett.

Proġett ieħor ġie iffirmat fid-19 ta' Ottubru 2007. Skont ir-rikorrenti dan huwa dokument E (a' fol 20). Dan it-tieni kuntratt jirrigwarda ordni ta' numru ta' tined *custom made* fuq talba tal-Forzi Armati tal-Libja għall-użu tat-32 Battaljun ta' Buslim immexxija minn Kahmis Ghaddafi. Dawn it-tined ġew ordanti mis-Soċjeta' rikorrenti mingħand Al Badad International Group Dubai li tagħhom ħallsu 20% tal-prezz b'finanzjament minn Finbank pl.c (ara a' fol 39).

Fir-rigward ta' din l-ordni, l-awtoritajiet libjani kienu erratiċi għall-aħħar, tant li l-letter of credit bankarji kellhom ikunu mibdula diversi drabi. Sadanittant is-Soċjeta' rikorrenti kellha tidħol għall-aktar spejjes biex ġarrithom bil-baħar sa miżurata. Għal darba oħra bdew isiru talbiet minn naħa tal-Libjani biex jitħallsu xi commissions.

Il-Qorti fhemet li din hija kelma oħra flok tixħim. Sakemm Simon Diacono spiċċa anke arrestat u saritlu pressjoni biex jiffirma xi dokumenti biex il-propjeta' ta' dawn it-tined tgħaddi mingħajr ħlas għand il-forzi armati libjani, pero' ma ċediex għal din il-pressjoni. Ir-rejazzjoni tal-libjani kienet li marru il-freeport ta' Misurata u ħatfu dawn it-tined bil-forza u informawħ li kienu ser jissubastawhom. Dan wassal biex ir-rikorrent Simon Diacono kellu jħallas 45,000 dinar biex jiġu ritornati dawn it-tined, altrimenti kien qiegħed jissogra li jinbiegħu bi prezz ridikolu. Dawn it-tined konsegwentement wara li sar dan il-ħlas, dawn it-tined inbagħtu lura Malta bil-baħar.

B'konsegwenza, ma setax jitħallas lura is-self li kien ittieħed mingħand Fimbank, liema dejn kienet qiegħda tagħmel tajjeb għalih ukoll ir-rikorrenti l-oħra Frieda Diacono. Dan wassal biex Finbank għamel Kawża quddiem il-Qrati Maltin u ingħatat Sentenza fit-18 ta' Frar 2009 (a' fol 58). Il-konjuġi Diacono ġew ikkundannati in solidum mas-Soċjeta' rikorrenti jħallsu lil Fimbank is-somma ta' €470,000. Il-Bank inkwistjoni ried li jkollu pussess konġunt mar-rikorrenti għat-tined inkwistjoni. Il-Qorti fhemet li hekk ġara.

Dan kollu rrovina in-negozju tar-rikorrenti. Kien għalhekk, li għamlu diversi tentattivi mal-Istat Malti biex jinterċedi għalihom mal-Gvern Libjan biex jikkonvinċu lil Gvern Libjan jgħaddi għal-ħlasijiet fuq imsemmija. Dan għamluħ billi fost oħrajn avviċinaw lill-ambaxxata Maltija fil-Libja. Talbu ukoll lil diversi Ministri u Prim Ministri iżda qatt mai mmaterjalizża xejn. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-Gvern malti ma għamilx dak kollu li seta' biex jassistihom. B'hekk huma ġew preġudikati fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom.

B'konsegwenza ta' dan kollu saru l-proċeduri odjerni.

**<u>Punti legali:</u>**

Dan huwa wieħed minn dawk il-każi li jippresenta fatti speċie li huma għal kollox differenti minn dawk l-ordinarjament tirriskontra il-Qorti meta jkun qiegħed jiġi allegat ksur ta' dritt fundamentali taħt artikolu 1 tal-Ewwel protokoll tal-Konvenzjoni. Sa fejn jirrigwarda allegat ksur ta' dritt meta dan isir fit-territorju tal-Istat intimat, id-diffikultajiet li jġibu magħhom vertenzi ta' natura extra

territorjali ma jqumux. Għalhekk qabel ma jiġi investit il-mertu, jeħtieġ li l-ewwel ikunu kkunsidrati żewġ punti importanti.

L-ewwel punt huwa dak li fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jirriferu għalih bħala l-obbligazzjoni li artikolu 1 tal-Ewwel protokol tal-Konvenzjoni jpoġġi fuq l-Istat u ċioe' dmir posittiv (*positive obligation*) sabiex jipproteġi attivament l-interessi taċ-ċittadin minn ksur tad-dritt fundamentali tiegħu (ara a' fol 354).

It-tieni punt huwa dak li jirrigwarda meta u kif dan l-obbligu jibqa' fuq l-Istat, anke meta dan il-ksur jokkorri mhux fit-territorju tal-Istat kontraenti għall-Konvenzjoni iżda f'territorju ta' pajjiż ieħor. Iġifieri, kwistjoni tal-applikazzjoni tad-dmir posittiv tal-Istat fejn l-allegat ksur jsir f'territorju barrani. Kwindi, l-applikazzjoni extra-territorjali ta' dan id-dmir u għalhekk anke ta' ġurisdizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti tibda b'ammonizzjoni li jagħtu l-esperti u l-awturi bejn ir-responsabbilita' tal-Istat u l-prinċipju tal-extra-territorjalita'. Dawn jispjegaw li huwa important "*to distinguish between the concept of jurisdiction and the notion of state responsibility. Jurisdiction is about entitlements to act (is it lawful for a state to act outside its borders?), while state responsibility is about obligations incurred when a state does or does not act (the legal consequences of extraterritorial conduct)*". (ara **Higgins, Problems & Process, International Law and How We Use It, Oxford: Clarendon Press, 1994, pg 146**).

Għalhekk din il-Qorti ser l-ewwel tikkonsidra id-dmir posittiv li għandu l-Istat biex iħares drittijiet fundamentali u wara l-effetti extra-territorjali ta’ dan id-dmir.

*Id-dmir posittiv tal-Istat*

Il-Qorti tibda biex tafferma mingħajr ebda tlaqliq, li għaliha huwa ovvju, li ġaladarba jesisti l-obbligu indiskutibbli tal-Istat li ma jagħmel ebda ħaġa li tista’ tikser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali elenkati fil-Konvenzjoni (*negative duty*), dan il-prinċipju għandu inerenti fiħ, l-obbligu l-ieħor, li għandu dejjem jaġixxi biex dak id-dritt ma jkunx miksur (positive duty) (ara fost oħrajn **Gaskin -vs- the United Kingdom, 23 June 1989, §41.**). Għal Qorti, dawn iż-żewġ obbligi huma ż-żewġt uċuħ tal-istess munita.

L-istat jista’ ma jirrispettax dritt fundamentali kemm bil-kummissjoni u anke bl-ommissjoni. Jista’ jkun hemm ommissjoni f’sens speċifiku jew ġenerali. Tant biex din il-Qorti tagħti eżempju:

F’sens speċifiku, billi jittollera li aġenti tal-Istat jiksru xi dritt b’impunita’, bħal meta l-forzi tal-ordni jimmaltrattaw brutalment demonstranti f’attivita’ paċifika bi ksur tad-dritt fundamentali għall-espressjoni ħielsa u dritt ta’ assoċjazzjoni.

F’sens ġenerali, bħal meta jonqos li jintroduċi liġijiet per eżempju li jħarsu parita’ bejn is-sessi u persuni ta’ orjentament sesswali differenti. Il-letarġija jew prokrastikazzjoni tal-Istat tissarraf fl-abdikazzjoni mill-obbligi tiegħu taħt il-konvenzjoni peress li jonqos li jaġixxi posittivament biex jelimina stat diskriminatorju.

L-Istat għandu l-obbligu li joħloq klima fejn id-drittijiet essenzjali tal-individwu li jolqtu l-integrita' tiegħu ikunu salvagwardati. Fil-fatt, fl-assjem tiegħu, kapitolu Tnejn tal-Kostituzzjoni, apparti kapitolu Erbgħa, jiggwida lill-istat fuq dan il-prinċipju ġenerali u vitali, fejn kull individwu jkun jista' jilħaq il-milja tal-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu fis-Soċjeta'.

*Effett extra-territorjali*

Stabbilit li l-istat għandu d-dmir posittiv kif fuq spjegat, imiss li jkun trattat jekk dan l-obbligu jibqax jiġri wara l-Istat kontraenti għall-Konvenzjoni, f'każ li xi wieħed miċ-ċittadini tiegħu, barra mit-territorju tiegħu, ikollu d-drittijiet tiegħu fundamentali miksura minn Stat barrani. Irid ikun ksur, tali li kieku twettaq fit-territorju tal-Istat kontraenti kien mingħajr dubbju prima facie jirrendi lill-Istat passibbli għall-ksur ta' dritt fundamentali tal-Bniedem.

Din il-Qorti ma hiex ser tidħol fil-kwistjoni ta' natura ċivili bejn ir-rikorrenti u l-istat Libjan, għalkemm trid tissenjala, li semgħet biss il-verżjoni tar-rikorrenti peress li l-Istat Libjan ma hux parti għal dawn il-proċeduri. Haġa waħda hija ċerta, li dato li l-fatti huma kif rakkontati mir-rikorrenti, il-Qorti sinċerament tissimpatiżża magħhom għal dak li għaddew minnu. L-anqas ma hemm dubju, li kieku trattament bħal dan sar fit-territorju Malti, żgur li hemm *prima facie* każ li jinbdew proċeduri kontra l-Istat Malti, mhux biss għall-ksur tal-artikolu 1 tal-ewwel protokoll, iżda x'aktarx għall-ksur ta' drittijiet fundamentali oħrajn. Għalhekk, kwantu għal dak li għaddew minnu r-rikorrenti il-Qorti hija sodisfatta li meta wieħed iserraħ fuq il-verżjoni tal-fatti tar-rikorrenti altru milli kien ikollhom id-dritt li jaġixxu kieku dan seħħ fit-territorju Malti.

Irid jitqies, x'jorbot l-Istat Malti mal-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti dwar fatti li seħħew fit-territorju libjan. Ir-rikorrent irid li jottjeni minn din il-Qorti dikjarazzjoni li l-istat Malti naqas milli jħares d-dmir posittiv tiegħu li jipproteġiħ u li naqas milli jħares id-drittijiet proprjetarji tiegħu. Għalhekk, li jrid ikun determinat huwa, jekk l-obbligu tal-Istat Malti kif spjegat, issibx l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' dmir posittiv extra-territorjalment għal dak li ġara lir-rikorrenti fit-territorju libjan.

Fin-nota tagħhom, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għal dak li jiddisponi l-artikolu 1 tal-Konvenzjoni u ċioe li "*The High Contracting Parties shall secure to everyone within their jurisdiction the rights and freedoms defined in Section I of this Convention."* Il-Qorti tistqarr, li hija kemm xejn perplessa peress li l-obbligu li jimponi dan l-artikolu fuq l-Istati kontraenti huwa fir-rigward tad-drittijiet u libertajiet li jinsabu fl-ewwel sezzjoni (*Section 1 of this Convention*). Il-perplessita' tinsab fil-fatt, li l-ħarsien tal-proprjeta' u tgawdija tal-possedimenti taħt artikolu 1 tal-Ewwel protokoll ma hiex parti minn din is-sezzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti mhux ser tavventura tgħid dan x'jista' jfisser, għaliex wara kollox huwa paċifiku u rikonoxxut, li l-Istat Malti huwa firmatarju għal din il-protokoll u għalhekk, minkejja din l-ambigwita' fit-test tal-konvenzjoni, huwa xorta marbut li jħares dan id-dritt. Imma l-Qorti ħasset li kellha tissenjala dan il-punt.

Fil-fhema ta' din il-Qorti, ċ-ċavetta għar-risoluzzjoni ta' din il-kwistjoni huma l-kliem "within their jurisdiction". Dan qiegħed jingħad, għaliex biex jissusisti d-dmir posittiv tal-Istat kif fuq spjegat, l-attivita' trid taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Istat

kontarenti, li fiha nnifisha hija il-vejikolu li jiġbed warajħ l-vagun ta' extra-territorjalita'. Dan għaliex, jekk fiċ-ċirkostanzi jinstab, li dak li għadda minnu ir-rikorrent fil-Libja b'xi mod jikkonvolġi wkoll lill-Istat Malti, allura tkun inqabeż l-aħħar ostakolu, pjuttost ta' natura proċedurali aktar milli ta' sustanza, biex din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkonsidra fil-mertu dak li qiegħdin jitolbu r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti, insostenn tat-talbiet tagħhom u sabiex isaħħu t-teżi tagħhom, li fiċ-ċirkostanzi l-Istat Malti kellu d-dmir posittiv li jassisti u jagħmel minn kollox biex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jirkupraw mingħand l-Awtoritajiet Libjani il-flejjes li kellhom jieħdu, jagħmlu referenza għal każ ta' X -vs- The United Kingdom tal-1977. Il-Qorti fliet din is-Sentenza sewwa u għalkemm huwa minnu li ġie ennunċjat il-prinċipju li l-Istat għandu jassisti liċ-ċittadini tiegħu f'territorji barranin biex ikunu salvagwardjati id-drittijiet tal-individwu (f'dan il-każ kien il-ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni), il-fattispecie ta' dan il-każ ma humiex esattament bħal dak li għandha quddiemha l-Qorti.

Fil-każ ta' X, ir-Renju Unit kien direttament interressat għaliex f'dak il-każ X riedet lill-Awtoritajiet tal-Gordan joqgħodu għal Deċiżjoni ta' Qorti Ingliża dwar kustodja ta' minuri. Iġifieri, bejn dak li qiegħed jiġri fil-Gordan u territorju tar-renju Unit, kien hemm rabta bis-saħħa ta' Sentenza Ingliża li kellha tkun segwita' jew esegwita. Prinċipju li huwa ukoll rikonoxxut minn trattati internazzjonali dwar l-esekuzzjoni ta' Sentenzi barranin jekk mhux ukoll mill-liġijiet domestiċi tal-pajjiż, bħal ma hu fil-każ ta' Malta, b'Titolu V tas-Sub-titolu IX tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward l-Avukat Generali jargumenta, li sabiex tkun radikata ġurisdizzjoni ta' Stat kontraent ai fini ta' applikazzjoni ta' extra territorjalita', irid ikun hemm xi xorta ta' ness kawżali bejn dak li jkun ġarrab individwu f'art barranija u l-Istat kontarenti azzjonat.

Din il-Qorti għalhekk eżaminat ħafna mis-Sentenzi tal-ECHR dwar dan il-punt. Il-Parti kbira minnhom jirrigwardaw sitwazzjonijiet ta' natura militari fejn Stat aderenti għall-konvenzjoni jwettaq xi att ta' aggressjoni fi stat ieħor jew jkun qiegħed jokkupa parti mit-territorju ta' dak l-Istat l-ieħor jew għandu kontroll fuq dak it-territorju. Iġifieri huwa manifestament ċar li teżisti rabta bejn it-territorju fejn ikun kommess l-att u l-pajjiż aderenti għall-Konvenzjoni.

Fil-każ ta' **Andreas Manitaras -vs- it-Turkija tat-3 ta' Gunju 2008** intqal hekk:

*"that having effective overall control over northern Cyprus, Turkey's responsibility could not be confined to the acts of its own soldiers or officials in northern Cyprus but was also engaged via the acts of the local administration which survived by virtue of Turkish military and other support. It followed that Turkey's jurisdiction extended to the entire range of Convention rights violations, which were imputable to Turkey. The area in which the alleged acts took place was on the territory of the "Turkish Republic of Northern Cyprus".*

Iżda l-aktar ċar huwa dak li intqal fil-każ ta' **El Skeini u oħrajn -vs- Ir-Renju Unit tas-7 ta' Lujlu 2011** fejn intqal hekk:

Dwar azzjoni kontra konsulati u aġenti tal-istat f'territorju barrani dawn jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' Stat kontraenti meta "*it is clear that the acts of diplomatic and*

*consular agents, who are present on foreign territory in accordance with provisions of international law, may amount to an exercise of jurisdiction when these agents exert authority and control over others"* (Emfażi tal-Qorti. Ibid **El Skeini**). Dan ifisser li l-aġir li allegatament jikser id-drittijiet fundamentali jrid ikun fil-kontroll ta dawn l-uffiċjali. Fi ftit kliem, l-Istat kontraenti irid jkun b'xi mod fil-posizzjoni rejali u konkreta, li nfluwenza id-deċiżjonijiet jew atti tal-Istat barrani. F'kelma waħda, ma jridux ikunu sabu lilhom infushom koinvolti ex/post facto, b'talbiet għall-assistenza dwar xi fatt li huma ma kienux parti għalih jew kellhom u għad jista' jkollom kontroll fuqhom.

L-awturi josservaw li "*This potentially very wide scope of extraterritorial jurisdiction could imply that provided there exists a sufficiently tangible link between the extraterritorial act of a Convention State and the individual right bearer residing outside the State's territory, the State is under a positive obligation to take the necessary steps within its power and in accordance with international law to protect Convention rights against violations by private parties, including corporations."* (Emfażi tal-Qorti. Ara **Submission to the Special Representative of the United Nations Secretary General (SRSG) on the issue of Human Rights and Transnational Corporations and Other Business Enterprises DANIEL AUGENSTEIN April 2011, pg 25**). Dan il-bran ikompli jsaħħaħ il-prinċipju tar-rabta tanġibbli bejn l-att extra-territorjali u l-Istat kontraenti li kontra tiegħu tinġieb l-azzjoni miċ-ċittadin tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, din il-Qorti eżaminat il-fatti li għandha quddiemha. Li ma kienx għall-fatt li l-Libja, kemm qabel u kif ukoll wara r-revoluzzjoni, qatt

ma jidher li kellha sistema ta' Gustizzja b'saħħitha, ir-rikorrenti kien ikollhom id-dritt li jmorru quddiem Qorti imparzjali biex jitolbu dak li huwa bi dritt tagħhom (ara xhieda ta' Anthony Diacono a' fol fol 83 tergo kif ukoll ta' Simon Diacono Stess).

Illum aktar minn qabel, l-istat tal-affarijiet f'dan il-pajjiż iddegeneraw f'kaos, kif fil-fatt għadu jidher li għadhom sal-lum. Kien hemm mumenti twal, li l-anqas il-kommunita' internazzjonali ma kienet taf ma' min ser titratta bħala Gvern, peress li jidher li kien hemm aktar minn wieħed. Problema li affettwat gravament is-suċċessjoni tal-Istati partikularment wara revoluzzjoni bħal dik li seħħet fl-2011. Għal din is-sitwazzjoni ma jaħtix l-Istat Malti. L-inċertezza li joffri dan il-pajjiż minn dejjem kienet teżisti u dan saħansitra jammettiħ ir-rikorrent Simon Diacono (ara a' fol 340 tergo). Bl-inkwiet tal-gwerra ċivili, din il-vertenza kompliet tikber.

Il-Qorti ma setgħet issib xejn fl-atti li jista' jorbot lill-Istat Malti ai fini ta' applikazzjoni ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali kif jispjegaw is-Sentenzi u l-awturi. Il-konvenut ma kien involut f'ebda mod fil-kuntratti invokati mir-rikorrenti, liema kuntratti huma b'ħafna lakuni, partikolarment fir-rigward tal-partijiet li suppost huma legalment vinkolati b'dak li hemm fihom. Il-Qorti setgħet tiddesumi minn kien il-benefiċċjarju mid-diversi letter of credits u dokumenti maħruġa mill-Banek li kienu involuti (a'Fol 37, 50, 121 u minn 157 sa 190).

L-anqas ma jista' jingħad, li l-Istat Malti kien involut b'mod kollaterali, bħal per eżempju, inġiebet il-prova, li n-negozju li għamlu ir-rikorrenti kien frott ta' skemi jew inċentivi provokati mill-Gvern Malti biex jinkoraġixxi negozju fil-Libja. L-

uniku rabta li teżisti, jekk tista' issejjħilha hekk, hija waħda ta' natura diplomatika, bil-fatt li ħafna li jiġrilhom bħar-rikorrenti, inevitabilment ifittxu l-għajnuna tal-ammbaxxati u konsulati ta' pajjiżhom fil-pajjiż barrani.

L-unika konnessjoni li jista' għandha rilevanza għall-kwistjoni in eżami, huwa l-fatt li ir-rikorrenti jgħidu li jeżistu xi fondi ffriżati **li jista' jkun** jappartjenu lill-Gvern Libjan u li jinsabu Malta. Ir-rikorrenti bħal donnu qiegħed jimmira li parti minn dawn il-flus jinżammu mill-Istat Malti biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet tagħhom (ara ittra legali a' fol a. fol 208). Pero' jidher, li dawn l-assi għad iridu jkunu dikjarati li tassew jappartjenu lill-Gvern Libjan peress li għad trid issir il-prova f'dan ir-rigward (ara a' fol 210 ittra ta' Neville Aquilina mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin). Imma l-anqas li kieku, dan il-fatt waħdu ma hux biżżejjed biex ikun jista' jingħad li hemm xi responsabbilita minn naħa tal-Istat Malti, li jista' jkollha effetti extra-territorjali inkwantu għal dak li qed jitolbu r-rikorrenti. Il-preżenza tal-assi imsemmija hija aċċidentali u mhux relatata man-negozju li għamlu r-rikorrenti mal-Awtoritajiet Libjani. Din il-Qorti ma tistax issib dik ir-rabta konkreta u tanġibbli biex tassew tkun konvinta li għandha tapplika il-prinċipju imsemmi fil-każ ta' **X-vs-United Kingdom** biex wara tkun tista' tqis il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti.

Għalhekk it-talbiet tagħhom ser ikunu miċħuda. B'dana kollu, il-Qorti tagħmel appell lill-Gvern Malti sabiex jibqa' jagħmel sforz bil-mezzi kollha diplomatiċi li għandu disponibbli sabiex jassisti lir-rikorrenti jieħdu mill-Gvern Libjan dak li huma jgħidu li huma ntitolati għalih bi dritt.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tħoss, li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa.

**Decide:**

Għaldaqstant, din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet** rikorrenti kollha.

Minħabba iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, spejjeż tal-proċeduri jibqgħu bla taxxa billi kull parti tissoporti l-ispejjeż tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**